**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**
sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888,

9 Leġiżlatura

AGENDA Numru 19

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar**

**Lill-membri kollha tal-Kunsill Lokali**

**Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għall-laqgha tal-Kunsill Lokali numru 19 kontinwazzjoni ta' Laqgħa numru 18 li ser tinżamm fl-Ufficcju Amministrativ tal-Kunsill Lokali nhar il-Hamis 16 ta' Lulju, 2020 fil-5.30pm.**

**Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.**

Mariella Strout — 9 ta' Lulju, 2020
Segretarju Ezekuttiv

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima — Sindku
- Daryl Connor — Viċi Sindku
- Graziella Galea — Kunsillier
- Anne Marie Fenech — Kunsillier
- Carlos Zarb — Kunsillier
- Mario Joseph Salerno — Kunsillier
- Anthony Delia — Kunsillier
- Alfred Bray — Kunsillier
- Paul Bugeja — Kunsillier
- Stephen Cremona — Kunsillier
- Anthony Angelo Attard — Kunsillier
- Christopher Vella Petroni — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier

Skużati

M' hemm ħadd skużat.

**19.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

Il-Kunsill ma irċeviex ittri ta' apoloġiji

**19.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numri (16)(17)**

Dan ġie konkluż waqt il-laqgħa numru 18

Il-Kunsillier Anthony Angelo Attard daħal għall-laqgħa fis-6.40pm.

**19.3 Punti mill-minuti**

Dan ġie konkluż waqt il-laqgħa numru 18

**19.4 komunikazzjoni mis-Sindku (sabiex il-Kunsill jiddisponi mix-xoghol li fadal mill-laqgha ta' qabel)**

Rikjest ta' Rampa mil-Parroċċa ta' San Pawl il-Baħar.

L-Kunsill approva rikjesta biex issir rampa għal wheel-chairs quddiem il-kunvent tal-patrijiet fi Triq it-Torri.

**Malta Athletics Council 10K Run**

Ġie deċiz li dan is-suggett jerġa jitla għad-diskussjoni wara li ssir laqgħa ma l-organizzaturi.

**Il-Kunsill ircieva rizenja minn zewġ skrivani**

Wahda minħabba raguni ta' sahha u ohra marbuta ma mpjieg gdid.

Ir-riżenja ta' 2 skrivani ġiet milqugħa.

**19.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera (sabiex il-Kunsill jiddisponi mix-xoghol li fadal mill-laqgha ta' qabel)**

Il-Sindku u Segretarju Ezekuttiv irċevew zewġ mistoqsijiet mingħand zewġ Kunsilliera Mistoqsija; Mill-Kunsllier Anthony Delia lis-Sindku jekk il-van tal-Kunsill huwiex jintuza biss ghal skopijiet relatati mal-Kunsill u ghall-ebda ħaga oħra .

Tweġieba. Il-policy tal-Kunsill rigward l-uzu tal-vetturi ma nbidlitx mil-aħħar legizzlatura.

Mistoqsija; Mill-Kunsilliera Graziella Galea lis-Serjetarju Eżekuttiv jekk l-uffiċini tal-Kunsill humiex jiftħu kull nhar ta' Sibt b'mod regolari u skond kif stipulat fil-liġi.

Tweġieba; Galadarba l-emergenza ta' Covid-19 ma għadhiex fis-seħħ, gie deciz li l-uffiċju tal-Kunsill jerġa jibda jinfetaħ ghall-pubbliku mis-Sibt 4 ta' Lulju, 2020

**19.6 Rapporti/ jew Approvazzjonijiet ta' Rapporti – *Evaluation Reports Contracts Manager* (sabiex il-Kunsill jiddisponi mix-xogħol li fadal mill-laqgha ta' qabel)**

Ir-Rapport ġie prezenta, izda peress li kien għad jonqos firma oħra ta' Evalwatur kien irrid jerġa jiġi prezentat. Ġie innutat li l-baġit ta' tender ma kienx imnizzel fir-rapport. Kien hemm qbil li rapport jerġa jitella għal approvazzjoni.

**19.7 Item:Policy – Traffic Mirrors (Sabiex il-Kunsill jiddisponi mix-xoghol li fadal mill-laqgha ta' qabel)**

Giet ipprezentata policy li tirrigwardja l-installazzjoni ta' mirja tat-traffiku fil-lokalita. Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Alfred Grima u sekondata mill-Kunsillier Carlos Zarb ittieħed vot favur il-mozzjoni biex "*il-Kunsill ta' San Pawl il-Baħar japprova l-policy hekk kif prezentata, fejn it-twahhil ta' dawn il-mirja ghandha tkun l-ahhar option u li l-prezz stabbilit ghat-twaħħil għandu jkun ta' €83 ghal mera ta' 60cm u €118 ghal mera ta' 90cm.*

Il- Kunsilliera Graziella Galea proponiet sabiex il-policy hekk kif preżentata valuri tal-mirja tiġi diskussa fil-Bord ta' l-Infrastrutura. Is –Sindku wieġeb li l-Policy oriġinali diġà ġiet diskussa. Sekondata mill-Kunsilliera Antoinette Bezzina.

Favur; Kunsilliera Graziella Galea, Anthony Delia, Anne Marie Fenech, Antionette Bezzina,Chris Vella Petroni, Anthony Angelo Attard

Kontra; Sindku Alfred Grima, Viċi Sindku Darly Connor, Carlos Zarb, Stephan Cremona, Paul Bugeja, Mario Salerno, Alfred Bray.

Astensjonijiet: Ħadd

Il-proposta m'għaddietx.

Vot fuq il-proposta kif prezentat mis-Sindku

Kontra; Kunsilliera Graziella Galea, Anthony Delia, Anne Marie Fenech, Antionette Bezzina,Chris Vella Petroni, Anthony Angelo Attard

Favur; Sindku Alfred Grima, Viċi Sindku Darly Connor, Carlos Zarb, Stephan Cremona, Paul Bugeja, Mario Salerno, Alfred Bray.

Astensjonijiet: Ħadd

Il-proposta ghaddiet

**19.8 Item: PA3012/20 Bini ta' Inċineratur fil-Magħtab(sabiex il-Kunsill jiddisponi mix-xogħol li fadal mill-laqgha ta' qabel)**

Is-Sinku qal li fit-13/01/2020 hu kien għamel rikjesta formali biex jingħata nformazzjoni relatata ma applikazzjonijiet ghal bini ta' l-inċineratur fil-Magħtab. Qal, li din l-informazzjoni qatt ma waslet għandu bil-konsegwenza li l-Kunsill ġie mcaħħad milli jezercita d-doveri tiegħu dak li jiddiskuti bl-aqwa mod progett ta' natura ambjentali li ftit jew wisq sejjer ikollu effett dirett fuq il-lokalita taghna. Inqrat korrispondenza li ntbagħtet lill-kunsill mill-President tar-Reġjun Tramuntana. Issemma l-fatt, li dwar din l-materja, ittieħdet pozizzjoni komuni bejn il-Kunsilli kollha li jiffurmaw l-istess Regjun. Il-President informa li ser issir laqgħa mal-Ministru sabiex jiġi diskuss dan is-suġġett. Ġie rimarkat li dan l-impjant

huwa fil-lokalita' tan-Naxxar. Għal xi raġuni f'din n-numru tal-applikazzjoni ma kien hemm xejn. Il-Kunsill ġie mċaħħad minn dan. Is-Sindku jinsab iddiżappuntat kif aġixxa r-Reġjun u kif ħallew għall-aħħar.

Ġie rimarkat li irrid issir Strategic l-Environmental Assesment Report u jingħata rapport lil-Kunsill.
Il-laqgħa ser issir pero' s'issa għad m'hemm l-ebda data. Bħala kunċett il-Kunsill mhux kontra. Hemm qbil li Reġjun ser jiraprezenta lil Kunsill u min naħa tar-Regjun izomm lil Kunsill infurmat b'dak li qed jiġri

**<u>19.9 Item: Petizzjoni residenti Triq il-Makku – Estenzjoni ta' bankini (sabiex il-Kunsill jiddisponi mix-xogħol li fadal mill-laqgħa ta' qabel)</u>**

Il-Kunsill ġie nfurmat li rċieva petizzjoni mingħand diversi residenti ta' Triq Makku rigward l-estenzjoni ta' bankina quddiem stabbiliment tad-divertimet li saret snin ilu u li qeda toħloqilhom inkonvenjent minħabba double parking illegali. Is-Sindku Alfred Grima iddikjara konflitt ta' interess u rtira mill-laqgħa. Il-laqgħa tkompliet imexxjia mil-Viċi Sindku Il-Kunsill iddeċieda li ssir rikjesta ghal aktar infurzar ta' ligi.

**<u>19.10 Item: 2 Live Cams (CCTVs) offruti minn Reġjun Tramuntana(sabiex il-Kunsill jiddisponi mix-xoghol li fadal mill-laqgha ta' qabel)</u>**

Il-Kunsill gie nfurmat li l-Kumitat Regjun Tramuntana offra 2 Live cams biex jitwaħħlu f'kull lokalita fir-Regjun Tramuntana, bid-dawl, internet u arbli jkunu ghas-spejjez tal-kunsill. Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Alfred Grima, sekondata mill-Kunsillier Carlos Zarb, ittiehed vot favur il-mozzjoni "*biex il-Kunsill jaccetta l-Live Cams sabiex jintuzaw biex jinqata l-abbuż ta' double parking fit-Triq Qalb ta' Gesu, Triq il-Mosta, Triq Sant Antnin u Triq it-Turisti"* Il-mozzjoni ma ghaddietx.

Favur: Sindku Alfred Grima, Kunsilliera Carlos Zarb, Mario Salerno, Stephen Cremona, Anthony Attard

Kontra: Kunsilliera Graziella Galea, Paul Bugeja, Anthony Delia, Chris Vella Petroni, Anne Fenech, AntionetteBezzina

Astenzjoni: Vici Sindku Daryl Connor, Alfred Bray

Tressqet kontra mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera Graziella Galea sekondata mill-Kunsillier Anthony Delia li tirrikomanda"*biex il-Kunsill jaccetta iz-zewg CCTV's offruti mill-Kumitat Regjun Tramuntana biex jintuzaw bħala deterrent kontra rimi ta' l-iskart illegali"*. Ingibdet l-attenzjoni li ghal dan il-għan diġa ġiet approvata s-somma ta' €100,000 fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill. Il-mozzjoni ghaddiet b'vot unanimu.

**19.11 Item: Manutenzjoni ta' funtani (sabiex il-Kunsill jiddisponi mix-xogħol li fadal mill-laqgha ta' qabel)**

Il-Kunsill ħie nfurmat li wara snin imkissra u ma taħdimx il-funtana ta' Triq il-Fliegu bdit tissewwa mill-ħaddiema tal-MTIP bil-Kunsill iħallas tal-parts u x-xogħolijiet fejn mistenni li jigi ffirmat MOU. Il-Kunsill unanimament approva mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Graziella Galea, sekondata mis-Sindku Alfred Grima, sabiex il funtana ta' Burmarrad issir il-manutenzjoni u x-xogħol b'modd immedjat. Wara li titlesta tal-Qawra tibda ta' Burmarrad. Hemm qbil li ser issir t-talba lil Ministeru biex ix-xogħol neċessarju jsir b'mod immedjat.

**19.12 Item: Inizjattiva ambjentali – Restrizzjoni għall-vetturi kummerċjali milli jgħaddu miċ-ċentru tal-lokalita' bla bżonn (sabiex il-Kunsill jiddisponi mix-xoghol li fadal mill-laqgha ta' qabel)**

Il-Kunsill qabel li dan l-item jerġa jitla f'laqgħa oħra

**19.13 Item: Klassijiet ta' Eżerċizzju Fiżiku (sabiex il-Kunsill jiddisponi mix-xogħol li fadal mill-laqgħa ta' qabel)**

Ġiet mressaq proposta li darba fil-gimgħa jtella' mixja ta' 5km minn 40 sena 'il fuq u anke yoga fitness fil-millenium. Ġie irrimarkat li proposta kien ikun aħjar li l-ewwel tresqet quddiem

il-Bord ta' l-attivitajiet sportivi. Madanakollu il-Kunsill approva din l-inizjatttiva mresqa. Il-Kunsill irringrazja lill-Kunsillier Chris Vella Petroni tas-servizz volontarju li se joffri.

**19.14 Item: Rapport Amministrattiv 2019 – Emendi(sabiex il-Kunsill jiddisponi mix-xoghol li fadal mill-laqgha ta' qabel)**

Ir-rapport amministrattiv gie approvat mill-Kunsill b'riserva dwar partijiet mir-rapport tas-Sindku mill-grupp tal-minoranza.
Hemm qbil favur r-rapport amministrattiv.

**19.15 Item: Karavans fil-Qawra(sabiex il-Kunsill jiddisponi mix-xoghol li fadal mill-laqgha ta' qabel)**

Saret diskussjoni rigward il-fatt li diversi karavans qedin jitpoġġew madwar il-kosta f'Ta Fra Ben. Dan meta ma tezisti l-ebda facilita senitarja. Is-Sindku nforma li nhar it-13/7/2020 inzammet laqgha mas-Supretendent tal-Pulizija u d-Direttur tas-Senita dwar dan il-fatt u kazi oħra. Għal soluzzjoni dejjiema il-Kunsill għandu jfassal Bye Law.
Il-Kunsill approva propostli, li possibilment issir applikazzjoni ma l-Awtorita' ta' l-Ippjanar biex fl-akkwati jitwahhlu bollards li jipprevenu milli l-vetturi jidħlu madwar il-kosta u li ssir xi tip ta' walk- way wiesgħa ta' l-injam bi planters bis-sigar u bankijiet.

**19.16 Item: Attivitajiet – Awwissu sa Ottubru (sabiex il-Kunsill jiddisponi mix-xoghol li fadal mill-laqgha ta' qabel)**

Il –Kunsill ġie nfurmat li kien iltaqa il- Bord ta' l-attivitajiet. Il-Bord qabel li issir Open Festival f'Settembru 19/09. Dan il- festival ser ikun bl ħas. Il-baġit huwa ta' €15000
Approvat mill-Kunsill.

**19.17 Item: Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti / servizzi**

**19.17.1 : Approvazzjoni ta' Kontijiet**

L-iskedi numru 7 u 7a ġew approvati kif prezentati

**19.17.2 : Xiri ta' oġġetti/servizzi Tenders jew Sejjħa**.

**Item Kwotazzjoni App** – re permessi €120 (design & integrate) u €10 fix-xhar.

Il-Kunsill innota li dan is-servizz jista jigi nkorporat fis-sezzjoni council services u b'hekk jiġu ffrankati l-ħlassijiet mitluba.

**Excess fees** imħallas mill-Kunsill lill-insurance.

Is-Sindku rega fakkar li l-Kunsill għadu jistenna risposti dwar jekk l-excess fees imħallsin mill-Kunsill jiġux ritornati lura meta dawn ma jintlaqawx mill-insurance u min fil-kunsill qieghed jizgura li dak dovut lejn il-Kunsill jinġabar?

Il-Kunsill approva x-xiri ta' laptop ġdid biex jieħdu post ieħor li għandu l-ħsara li tiswa €977.04. Il-Kunsill approva li jisewwa il -laptop li għandu ħsara ta'€287.

(a) **Ġonna Publiċi u Parks**

Il-Kunsill approva l-ħrug ta' tender "Zamma u Tindif ta' Gonna Pubbliċi u Postijiet ta' Rikreazzjoni".

(b) **Taħwil u manteniment tal-pjanti ndeġeni – Miżura tal-Galmajjistra**

Rigward l-applikazzjoni "Mizura tal-Galmajjistral - Taħwil u Manteniment tal-Pjanti Indigeni, gie deciz li l-kunsill jitlob l-assistenza tal-MEUSAC

19.18 Aġġornament għall-laqgħa li jmiss 11 t'Awwissu, 2020 fil-5.30pm

**Laqgħa ntemmet 8.30 pm**

Alfred Grima
Sindku

Mariella Strout
Segretarju Ezekuttiv

KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe
sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888,

Sindku–Mayor: Alfred Grima
Viċi Sindku-Deputy Mayor: Daryl Connor
Kunsilliera– Councillors : Graziella Galea, Anne Marie Fenech, Carlos Zarb, Mario Joseph Salerno, Anthony Delia, Alfred Bray, Paul Bugeja, Stephen Cremona, Anthony Angelo Attard, Christopher Vella Petroni, Antoinette Bezzina.
Segretarju Eżekuttiv–Mariella Strout